**11 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallef:-**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

George Cini *pro. et noe.*

*versus*

Carmelina mart Gaetano Grech *et*

## Skrittura Ippreżentata fil-Qorti - Rekwiżiti - Indikazzjoni tal-Qorti u tal-Partijiet - id-Dikjarazzjoni Ġuramentata u l-Lista tax-Xhieda

*Kull skrittura għandu jkun fiha l-isem tal-Qorti li fiha tiġi preżentata oltre l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir u, meta huwa l-każ, l-isem li fih jidhru l-partijiet. Id-dikjarazzjoni u l-ismijiet tax-xhieda illi għandhom jiġu ppreżentati mill-attur flimkien ma' l-att taċ-ċitazzjoni huma "skrittura" waħda;*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni illi bih l-atturi, wara illi ippremettew;

Illi fil-kors ta' proċeduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ dwar il-Qsim ta' Wirt fl-ismijiet "George Cini pro et noe et vs Carmelina Grech (Rikors numru 2 / 91)" għall-qsim tal-wirt ta' Giuseppa Cini omm l-atturi u l-konvenuta Carmela Grech, l-istess Carmelina Grech ivvantat titolu ta' lokazzjoni fuq il-fondi numri 65 u 67, Assumption Street, Marsa, u eżebit librett b'riċevuta waħda datata 11 ta' Mejju, 1984 li in forza tagħha tippretendi li l-mejta kritilha il-*fondo de quo*: illi kif jiġi ppruvat

l-istess riċevuta data 11 ta' Mejju, 1984 hija frawdolenti billi l-firma ma tikkorrispondix għal dik tal-mejta Giuseppa Cini: illi konsegwentement il-konvenuti ma għandhom ebda titolu ta' lokazzjoni u kwindi qed jokkupaw l-istess fondi 65 u 67, Assumption Street, Marsa, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; talbu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara illi r-riċevuta tal-11 ta' Mejju, 1984 fuq imsemmija hija frawdolenti billi l-firma ma tikkorrispondix għal dik tal-mejta Giuseppa Cini;

2. Tiddikjara illi konsegwentement ma teżisti ebda lokazzjoni a favur tal-konvenuti;

3. Tordna l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fondi msemmija 65 u 67, Assumption Street, Marsa fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti u konsegwentement tordna lill-istess konvenuti biex fi żmien qasir a perentorju jikkonsenjaw sett ċwievet tal-istess fondi fuq imsemmija; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eċċipew:

1. illi preliminarjament in-nota tax-xhieda u ta' dokumenti eżebiti flimkien maċ-ċitazzjoni huma nulli stante li m'għandhomx l-indikazzjoni tal-Qorti u tal-partijiet kif irid ikollu kull att ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti;

*Omissis;*

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti;

Ikkunsidrat dwar l-istess eċċezzjoni preliminari:

Illi l-konvenuti qed jibbażaw l-eċċezzjoni tagħhom in eżami fuq dak illi jiddisponu l-artikoli 174 (1) (a) (b) u 789 (1) (d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12;

L-artikolu 174 (1) (a) (b) tal-Kap 12 fil-parti tiegħu rilevanti għal każ in eżami jaqra hekk:

"174 (1) Kull skrittura għandu jkun fiha -

(a) l-isem tal-Qorti li fiha tiġi ppreżentata ......;

(b) l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir, u, meta hu il-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet";

L-artikolu 789 (1) (d) tal-Kap 12 jiddisponi hekk:

"789 (1) L-eċċezzjoni b'nullita ta' l-atti ġudizzjarja tista' tingħata:-

(d) Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mill-liġi espressament";

Ikkunsidrat:

Illi d-dikjarazzjoni u l-ismijiet tax-xhieda illi għandhom jiġu ppreżentati mill-attur flimkien ma' l-att taċ-ċitazzjoni ai termini ta' l-artikolu 156 (1) (3) Kap. 12 huma "skrittura" waħda tant illi s-subartikolu sitta (6) ta' l-artikolu 156 tal-Kap. 12 jiddisponi hekk:

"Ir-reġistratur m'għandu jirċievi ebda ċitazzjoni li ma jkun hemm magħha dik id-dikjarazzjoni u ebda xhud ma jista' jinġieb illi ismu **<u>ma jkunx ġie mogħti f'dik id-dikjarazzjoni</u>** .............." (sottolinejar tal-Qorti);

Illi għal dak illi jirrigwarda il-proċediment permezz ta' ċitazzjoni (artikolu 154 sa 160, Kap. 12) ma hemm ebda obbligu illi ssir elenku tad-dokumenti eżebiti;

Illi dak illi jidher a fol. 3 u 4 tal-proċess għalhekk għandu jiġi kunsidrat bħala "skrittura" waħda u ċjoè id-dikjarazzjoni imsemmija fiċ-ċitat artikolu 156 (3) Kap. 12, u din l-iskrittura hija konformi ma l-artikolu 174 (1) (a) (b) ta' l-istess Kap. 12;

Illi għalhekk, ma jirriżultax illi hemm in-nullità lamenta mill-konvenuti fl-eċċezzjoni tagħhom in eżami;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom;